

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 334/2008**tal-11 ta' April 2008****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Maqgħuda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.
- (3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Maqgħuda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ppubblikax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Maqgħuda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 275/2008 (ĠU L 85, 27.3.2008, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott li għandu l-kompożizzjoni li ġeja (% bil-piż):</p> <ul style="list-style-type: none"> — alkoħol etiliku aktar minn 90,0 — ilma inqas minn 7,4 — glikol ta' l-etilene 1,3 — butanun 1,3 <p>Il-prodott huwa ppakkjat fi fliexken ta' litru u 3 litri u f'kontenituri ta' madwar 100 litru.</p> <p>Skond l-ippakkjar il-prodott jista' jintuża, direttament jew miżjud bl-ilma, fost oħrajn bħala fluwidu kontra l-iffriżar jew fluwidu għat-tneħħija tas-silġ.</p>	2207 20 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi NM 2207 u 2207 20 00.</p> <p>Iż-żieda ta' butanun, u b'ammont inqas ta' glikol ta' l-etilene, jirrendi l-prodott mhux tajjeb għall-konsum uman iżda mhux għal għanijiet industrijali.</p> <p>Il-perċentwal baxx ta' glikol ta' l-etilene ma jagħtix lill-prodott il-karattru ta' fluwidu ta' kontra l-iffriżar jew ta' fluwidu għat-tneħħija tas-silġ ta' titlu 3820.</p> <p>Għalhekk il-prodott għandu jkun ikklassifikat bħala alkoħol etiliku denaturizzat tal-kodiċi tan-NM 2207 20 00.</p>